Se titqiegħed silt curtain tul il-linja A u B, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Dawn ix-xogħlijiet se jsiru minn bugħaddasa li se jtajru l-Bandiera tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali 'A', waqt li jkunu qed isiru x-xogħlijiet.

Minħabba dan ta' hawn fuq, l-iskal imsemmij hawn fuq, u n-naħa ta' maġenb il-moll mhux se jkunu aċċessibbli waqt li jkunu qed isiru x-xogħlijiet. In-naħa l-oħra tal-moll mhux se tiġi affettwata u tista' tintuża b'mod normali.

Il-baħħara u s-sidien tal-bastimenti għandhom jipproċedu b'veloċità baxxa ħafna (mingħajr rima) meta jinnavigaw qrib iż-żona, iżommu mill-inqas 10m 'il bogħod mis-silt curtain, u jikkoperaw mal-kuntrattur fuq il-post.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjali tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 211

Is-17 ta' Mejju, 2024

comply with Rule 18 (COLREGS 1972) and to 'keep out of the way' of the sailing vessels participating in the event.

Mariners navigating in the vicinity of the indicated areas on the mentioned dates and times are to keep watch on VHF Channel 12 and/or 16 and are to cooperate with the organisers and/or enforcement personnel in the area.

Any instructions issued on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS are to be complied with.

Charts affected: BA 177, 2538, 2537.

17th May, 2024

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 43 of 2024

Repair works on the slipway at Il-Bajja tax-Xlendi – Gozo

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and the general public that repair work will be carried out on a slipway at Il-Bajja tax-Xlendi, Gozo.

The works will start on Monday, 20th May, 2024, and should be completed by Sunday, 2nd June, 2024.

A silt curtain will be laid along the line A and B, as shown on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

These works will be carried out by scuba divers who will be displaying the International Code of Signals Flag 'A' while works are being carried out.

Due to the above, the slipways mentioned above, and the adjacent side of the jetty will not be accessible while the works are being carried out. The other side of the jetty will not be affected and can be used normally.

Mariners and owners of vessels are to proceed at very low speed (no wake) when navigating close to the area, they are to keep at least 10m away from the silt curtain and are to co-operate with the contractor on site.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Chart affected: BA 211

17th May, 2024

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Sejħa għall-Applikazzjonijiet f'Headship Positions

Il-Kumitat Konsultattiv għall-Ħatriet Anzjani (SAAC) jixtieq jidentifika individwi kompetenti biex ikunu rrakkomandati biex jimtlew Headship Positions fi Grad 3 (Skala ta' Salarju 3) u fi Grad 4 (Skala ta' Salarju 4) fil-ministeri kif elenkat hawn taħt:

Director (Audit), Verifications and Audit Department, Office of the Commissioner of Tax and Customs, MFE

Head (Operations), Pharmacy of your Choice, MHA

Il-ħatra hija fuq bażi ta' Performance Agreement ta' erba' snin, u hija suġġett għal perjodu ta' prova ta' sena.

Eliġibbiltà

F'każ ta' uffiċjali pubbliċi, dawk eliġibbli għal din il-pożizzjoni jridu jkunu:

(a) uffiċjali pubbliċi anzjani li għandhom grad sostantiv fi Skala 7 jew ogħla; jew uffiċjali pubbliċi oħrajn li servew fis-Servizz Pubbliku f'pożizzjonijiet klassifikati fi Skala 7 jew ogħla għal erba' snin konsekuttivi;

(b) ikkonfermati fil-grad sostantiv tagħhom; **u**

(c) kapaċi jikkomunikaw tajjeb bil-kliem u bil-kitba bl-ilsien Malti kif ukoll bl-Ingliż.

F'każ ta' persuni li mhumiex uffiċjali pubbliċi, l-eliġibbiltà titqies kif ġej:

(a) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti jridu jkunu ċittadini Maltin;

(b) l-applikanti jridu jippreżentaw provi ta' esperjenza ta' mill-anqas erba' snin f'kariga tal-livell ta' senior management komparabbli ma' dik ta' pożizzjonijiet ikklassifikati fi skala 7 jew ogħla fis-Servizz Pubbliku;

(c) l-applikanti jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux qabel xahar mid-data li tkun ħarġet din is-sejħa għall-applikazzjonijiet u jgħidu jekk qatt kinux impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u jagħtu d-dettalji; **u**

(d) kapaċi jikkomunikaw tajjeb bil-kliem u bil-kitba bl-ilsien Malti kif ukoll bl-Ingliż.

Uffiċjali li preżentament jokkupaw kariga ta' kap u li servew mill-inqas sena mit-terminu tal-Performance

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Filling of Headship Positions

The Senior Appointments Advisory Committee (SAAC) wishes to identify suitable individuals and competent professionals who could be recommended to fill a Headship Position in Grade 3 (Salary Scale 3) and in Grade 4 (Salary Scale 4) in the following ministries as listed hereunder:

Director (Audit), Verifications and Audit Department, Office of the Commissioner of Tax and Customs, MFIN

Head (Operations), Pharmacy of your Choice, MHA

The appointment shall be made on the basis of a Performance Agreement for a period of four years and is subject to a one-year probation period.

Eligibility

In the case of public officers, for applicants to be eligible in respect of this position they must be:

(a) senior public officers who have a substantive grade in scale 7 or higher or other public officers who have served for four consecutive years in the Public Service in positions classified in scale 7 or higher;

(b) Confirmed in their current substantive grade; **and**

(c) proficient and able to communicate effectively both verbally and in writing in the Maltese and English languages.

In the case of non-public officers, the eligibility in respect of this position is as follows:

(a) by the closing time and date of this call for applications, applicants must be citizens of Malta;

(b) applicants must have a proven track record of four (4) years experience at senior management level comparable to that of positions classified in scale 7 or higher in the Public Service;

(c) applicants must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details; **and**

(c) applicants must be proficient and able to communicate effectively both verbally and in writing in the Maltese and English languages.

Officers currently occupying a headship position and who have served at least one year of the term of their

Agreement **attwali** jistgħu japplikaw għall-pożizzjoni msemmija f'dan l-avviż; dan kemm-il darba jkunu ssodisfaw il-ħtiġiet ta' eliġibbiltà pertinenti. Il-perjodu ta' sena għall-fini ta' ħtieġa tal-eliġibbiltà ma tgħoddx meta l-individwu qed japplika għal pożizzjoni ogħla.

Il-kandidati jistgħu japplikaw **għal massimu ta' żewġ pożizzjonijiet** skont il-preferenza tagħhom. Il-Kumitat Konsultattiv għal Ħatriet Anzjani (SAAC) jidentifika liema minn dawk il-kandidati eliġibbli huma kompetenti biex jimlew dik il-pożizzjoni vakanti. Għalkemm il-kandidati prospettivi jistgħu jindikaw sa massimu ta' żewġ pożizzjonijiet tal-għażla tagħhom, huwa l-Kumitat Konsultattiv għal Ħatriet Anzjani (SAAC) li jinnomina lill-kandidat għal kwalunkwe pożizzjoni vakanti.

Proċedura tal-Intervista tal-SAAC

Il-kandidati li huma eliġibbli jkunu mitluba jagħmlu psychometric test li jsir fl-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi (IPS).

Sussegwentament jintalbu joqogħdu għal intervista individwali għad-diskrezzjoni tal-Kumitat Konsultattiv għal Ħatriet Anzjani (SAAC).

Aktar tagħrif dwar l-għażla preliminari, il-proċess tal-intervista tal-SAAC u informazzjoni addizzjonali jinsabu fil-linji gwida – Nomination Process for Headship Positions – Notes for Prospective Applicants – aċċessibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/ExternalHeadshipCalls/2024/NominationProcess_Headships.pdf).

Kif tibgħat l-applikazzjoni

Applikanti prospettivi huma mistiedna japplikaw permezz tar-Recruitment Portal biss (https://recruitment.gov.mt) sal-5.15 p.m. tal-Ġimgħa, 31 ta' Mejju, 2024.

Kopja tal-linji gwida ta' kif timtela applikazzjoni tista' tinkiseb minn (https://recruitment.gov.mt/manual/Recruitment%20Manual.pdf).

Dokumentazzjoni meħtieġa mal-Applikazzjoni

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

(a) curriculum vitae dettaljat (format Europass) li jrid jinkludi r-rekord tal-iżvilupp professjonali kontinwu u kisbiet ta' kwalifiki;

(b) id-dokument tas-Service and Leave Record Sheet aġġornat u maħruġ mhux aktar tard minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni.

current performance agreement may apply for the position advertised, subject to having satisfied the pertinent eligibility requirements. The one-year term eligibility criterion does not apply when one is applying for a higher position.

Candidates may indicate **up to a maximum of two positions** as an indication of their preference. The SAAC will consider who, from among any of the eligible candidates, is suitable for a particular post. While prospective candidates may indicate their preferences for up to two positions, it is the SAAC's prerogative to nominate any candidate to any of the positions advertised.

SAAC Interview Procedure

Eligible applicants who have not sat for a psychometric test in the past two (2) years will be required to sit for a psychometric test which will be held at the Institute for the Public Services (IPS).

Subsequently they will be called for an individual interview at the discretion of the Senior Appointments Advisory Committee.

Further details regarding the SAAC interview process and additional information may be viewed in the following guidelines – The Nomination Process for Headship Positions – Notes for Prospective Applicants – through (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/ExternalHeadshipCalls/2024/NominationProcess_Headships.pdf).

Submission of Applications

Prospective applicants are invited to apply through the Recruitment Portal only (https://recruitment.gov.mt) by not later than 5.15 p.m. of Friday, 31st May, 2024.

Guidelines to assist in the submission of applications online may be viewed from (https://recruitment.gov.mt/manual/Recruitment%20Manual.pdf).

Complete Application Checklist

Applications must include:

(a) a detailed curriculum vitae (Europass format) which will include the continuous professional development record and attainment of qualifications;

(b) an updated Service and Leave Record Sheet issued not earlier than one (1) month from the date of application (in the case of public officers).

Id-dokumenti 1 sa 2 hawn fuq għandhom jiġu skennjati u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt) mhux aktar tard mid-data u l-ħin tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

L-applikazzjonijiet kompluti għandhom jinkludu dikjarazzjoni għal kull pożizzjoni li saret applikazzjoni għaliha, li tenfasizza l-applikanti:

(a) dikjarazzjoni ta' motivazzjoni;

(b) il-viżjoni u x'azzjoni jeħtieġ li tittieħed biex tiġi implimentata tali viżjoni

mhux aktar minn elf kelma għal kull wieħed minn (a) u (b).

Iċ-ċertifikazzjoni tal-IPS li tikkonferma t-tlestija b'suċċess tal-programm Entry to Senior Management Level Programme (Management Toolkit), jew l-istatus uffiċjali attwali tal-attendenza jinkisbu direttament mill-IPS min-naħa tal-Amministrazzjoni. Se tingħata preferenza lil dawk l-uffiċjali li jkunu temmew b'suċċess il-Management Toolkit. Jekk uffiċjal li jkun għadu ma bediex il-Management Toolkit jintgħażel għal pożizzjoni ta' Headship Position, dan ikun meħtieġ jattendi u jlesti b'suċċess it-Toolkit fl-ewwel tnax-il (12) xahar tal-ħatra.

Min-naħa l-oħra, uffiċjali li sad-data ta' din l-applikazzjoni jkunu digà lestew b'suċċess il-Management Toolkit, mal-ħatra tagħhom f'pożizzjoni ta' Headship, ikunu obbligati jattendu u jgħaddu b'suċċess top-up course tal-istess Toolkit sa tnax-il xahar mid-data tal-ħatra tagħhom.

APPLIKAZZJONIJIET LI JASLU TARD MHUX SE JIĠU KKUNSIDRATI. L-APPLIKANTI LI JITQIESU INELIĠIBBLI SKONT IT-TERMINI TA' DIN IS-SEJĦA SE JIĠU INFURMATI KIF XIERAQ.

L-applikanti huma mfakkra li hija r-responsabbiltà tagħhom li jiżguraw li d-dettalji tal-applikazzjoni tagħhom ikunu kompluti u korretti, kif ukoll is-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni kollha meħtieġa. Għandha tintalab l-għajnuna f'każ ta' diffikultà.

Qabel ma jissejħu għall-intervista, l-applikanti prospettivi jkunu meħtieġa jimlew dikjarazzjoni li tindika kull kunflitt ta' interess possibbli jew potenzjali (eż. interessi tan-negozju, xogħol privat, eċċ.). Din id-dikjarazzjoni se tintbagħat permezz ta' ittra elettronika u għandha tintbagħat lura bl-istess mod sa qabel issir l-intervista.

Il-position descriptions għall-pożizzjonijiet imsemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/ExternalHeadshipCalls/2023/PositionDescription.pdf).

Is-17 ta' May, 2024

Documents A to B above are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt) by not later than the closing date and time of the call for applications.

Completed applications should include a statement for each position applied for, highlighting the applicants':

(a) motivation statement; and

(b) the vision and what action needs to be taken to implement such vision

not exceeding a thousand words for each of (a) and (b).

IPS certification confirming successful completion of the Entry to Senior Management Level Programme (Management Toolkit), or current official status of attendance will be obtained directly from IPS by the Administration. Preference will be given to those officers who have successfully completed the Management Toolkit. Should an officer who has not yet attended the Management Toolkit be nominated for a Headship Position, s/he would be required to attend and successfully complete the programme within the first twelve months of appointment.

Conversely, officers who by the time of this call for applications have sucessfully completed the Management Toolkit, on being nominated for a Headship Position, they will be required to attend to and successfully complete a top-up course to the Management Toolkit within the first twelve months of appointment.

LATE APPLICATIONS WILL NOT BE CONSIDERED. APPLICANTS WHO ARE DEEMED INELIGIBLE IN TERMS OF THIS CALL WILL BE INFORMED ACCORDINGLY.

Applicants are reminded that it is their responsibility to ensure the completeness and correct details of their applications, as well as the submission of all required documentation

Prior to being called for the interview, prospective applicants would be required to fill a declaration indicating any possible or potential conflict of interest (e.g. business interests, private work, etc.). The declaration form will be sent by email and is to be sent by email before coming to the interview.

Position descriptions of the above-mentioned positions can be obtained from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/ExternalHeadshipCalls/2023/PositionDescription.pdf).

17th May, 2024

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

Espressjoni ta' Interess

Aġenzija Żgħażagħ tgħarraf li l-Malta Girl Guides qed tistieden applikanti għall-espressjoni ta' interess għar-rwol ta' hawn taħt.

Uffiċjal ta' Finanzjament (Funding Officer)
(kuntratt għal servizz)

Il-Malta Girl Guides hija l-akbar assoċjazzjoni ta' tfajliet f'Malta. Qegħdin ifittxu uffiċjal tal-finanzjament li jaħdem għal rasu biex jingħaqad mat-tim. L-għan ġenerali tax-xogħol huwa li jgħin ġeneralment fit-tmexxija tal-assoċjazzjoni u b'hekk jipprovdi servizz ta' kwalità għolja lill-membri u lill-imsieħba esterni.

Responsabbiltajiet

Ikun infurmat dwar il-finanzjament lokali u Ewropew li jista' jibbenefika lill-MGG. Jinforma u jikkordina mal-membri tal-Bord Nazzjonali fir-rigward ta' tali finanzjament. Il-mili u s-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-finanzjament inkluż iżda mhux limitat għal, ġbir ta' kwotazzjonijiet, tħejjija ta' analiżi ta' tqabbil u rapport finanzjarju. Dawn għandhom jiġu segwiti u r-rapporti finali jiġu sottomessi. Jattendi kwalunkwe laqgħa ma' partijiet terzi fir-rigward ta' tali opportunitajiet ta' finanzjament. Jgħin lill-units bi kwalunkwe mistoqsijiet relatati mal-applikazzjonijiet tal-fondi

Ħiliet u Kwalifiki

Tlestija ta' edukazzjoni postsekondarja u/jew pussess ta' standard ta' edukazzjoni ta' Livell A;

Mill-inqas sentejn esperjenza fi rwol simili;

Ħiliet eċċellenti ta' organizzazzjoni u komunikazzjoni;

Kapaċità li jagħmel diversi kompiti u jaħdem fuq inizjattiva proprja bi ftit superviżjoni;

Ikun kapaċi juża Microsoft Office Suite;

Ikun responsabbli għad-dmirijiet miftiehma u jkun metikoluż fix-xogħol tiegħu;

Ikun fluwenti biex jitkellem kif ukoll fil-kitba tal-Malti u l-Ingliż;

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

Expression of Interest

Aġenzija Żgħażagħ notifies that the Malta Girl Guides is inviting applicants for the expression of interest for any of the below role.

Funding Officer
(contract for service)

Malta Girl Guides is the largest all girl association in Malta. We are seeking a self employed Funding officer to join the team. The overall purpose of the job is to generally assist in the smooth running of the association and thereby providing a high-quality service to members and external partners.

Responsibilities

Be knowledgeable about local and European funding which benefits MGG. Informing and liaising with National Board members in the regards of such funding. Filling in and submission of funding application including but not limited to, collection of quotes, preparation of comparison analysis and finance report. Following up and submission of final reports for approved funding. Attending any meetings with third parties in relation to such funding opportunities. Assisting units with any queries related to Funding Applications

Skills and Qualifications

Completion of post-secondary education and/or possession of A Level standard of education;

At least two years' experience in a similar role;

Excellent organisational and communication skills;

Ability to multi-task and work on own initiative with little supervision;

Be a wizard on Microsoft Office Suite;

Be responsible for the agreed duties and be meticulous one's work;

Be fluent in both speaking and writing of Maltese and English;

Applikanti infurmati dwar l-MGG jingħataw preferenza.

Informazzjoni Ġenerali

Dan huwa rwol flessibbli;

Mudell ta' ħidma hybrid;

Kuntratt ta' Servizz.

Dawk interessati għandhom jibgħatu ittra elettronika lil (chiefcomm@maltagirlguides.com) jew japplikaw direttament.

L-applikazzjonijiet għandhom jinbagħtu sal-Ġimgħa, 24 ta' Mejju, 2024.

Dan il-post huwa disponibbli permezz tal-Invest Funding b'kollaborazzjoni ma' Aġenzija Żgħażagħ.

L-applikazzjoni u l-Curriculum Vitae inklużi l-kwalifiki u l-esperjenza tax-xogħol għandhom jintbagħtu għall-attenzjoni lil Rachel Aquilina fl-indirizz (chiefcomm@maltagirlguides.com) sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 24 ta' Mejju, 2024.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Is-17 ta' Mejju, 2024

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Post ta' Second Secretary fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ– April 2024

L-Ewwel Parti – Eżami bil-Miktub

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultati tal-eżamijiet hawn fuq imsemmija ġew ippubblikati kif ukoll mibgħuta permezz ta' ittra elettronika lil kull kandidat mid-Dipartiment tal-Eżamijiet. Ir-riżultat ippubblikat jinsab fuq in-notice board ta' Edu Servizz.gov, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana, u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, fil-ħinijiet tal-uffiċċju.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx ir-riżultat huma mitluba biex jikkuntattjaw lid-Dipartiment tal-Eżamijiet permezz ta' ittra elettronika lil (myexams@gov.mt) minnufih.

Is-17 ta' Mejju, 2024

Applicants with MGG knowledge and understanding of MGG's policies will be given preference.

General Information

This is a flexible role;

Hybrid working model;

Contract of Service.

Those interested are invited to send an email to (chiefcomm@maltagirlguides.com) or apply directly.

Applications must be sent by Friday, 24th May, 2024.

This vacancy has been made available through the Invest Funding in collaboration with Aġenzija Żgħażagħ.

Application and Curriculum Vitae including qualifications and work experience must be sent to the attention of Rachel Aquilina on (chiefcomm@maltagirlguides.com) by no later than Friday, 24th May, 2024.

Late applications will not be considered.

17th May, 2024

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Post of Second Secretary in the Ministry for Foreign and European Affairs and Trade – April 2024

Part I – Written Examination

The Director of Examinations notifies that the results for the above examinations have been published and also sent by email to the candidates. The published results may be viewed at the Edu Servizz.gov, Ministry for Eduction, Sport, Youth, Research and Innovation, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, and at the Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, during office hours.

Candidates who have not received the result notice are kindly requested to contact the Department of Examinations by email to (myexams@gov.mt) immediately.

17th May, 2024

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema għax-Xiri ta' Djar ta' Abitazzjoni Imħabbra fis-17 ta' Mejju, 2024

Sir Sid Darek - 2024

1. Skop tal-Iskema

Din l-Iskema hi ntiza biex tħajjar inkwilini ta' proprjetà residenzjali jsiru sidien ta' darhom u jkomplu juzawhom bħala residenza ordinarja tagħhom. Taħt din l-iskema ser tinbiegħ biss dik il-proprjetà li hija proprjetà tal-Awtorità tad-Djar u dik il-proprjetà li tista tiġi trasferita mill-Awtorità tal-Artijiet lill-Awtorità tad-Djar. Din l-iskema hija miftuħa għall-proprjetà fil-lokalitajiet tal-Belt Valletta, Xatt ir-Risq ġewwa l-Isla, Imtarfa, Pembroke, Tas-Sliema Tigne' u Wied il-Għajn Qasam tal-Bujar.

2. Tifsir

F'din l-Iskema, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:-

"l-Att" b'riferenza għall-klawsola 10 ta' din l-Iskema għandha l-istess tifsira mogħtija lilha f' dik il-klawsola;

"applikant" tfisser persuna li tapplika għax-xiri ta' proprjetà tal-Awtorità tad-Djar jew tal- Awtorità tal-Artijiet taħt din l-Iskema u meta l-applikazzjoni ssir minn tnejn jew aktar flimkien, għandha tinkludi l-applikanti kollha;

"benefiċjarju" tfisser kull persuna li tibbenefika taħt din l-iskema u għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att prinċipali;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità tad-Djar, imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Att tal-Awtorità tad-Djar 1976: (Kap 261);

"Chairman" tfisser Chairman tal-Awtorità tad-Djar u jinkludi kull persuna awtorizzata biex taġixxi għan-nom tiegħu;

"Gvern" tfisser i1-Gvern ta' Malta;

"residenza ordinarja" ma tinkludix residenza tas-sajf (villeġġjatura);

"l-Att prinċipali" tfisser l-Att biex iħajjar Persuni Jsiru Sid Darhom (Att XXVIII) tas-sena 1988;

"prezz fis-suq ħieles" tfisser il-prezz kummerċjali tal-proprjetà kif ikkalkulat mill-Awtorità tad-Djar u għandu jirrifletti il-lokal u d-daqs tal-post;

HOUSING AUTHORITY

Scheme for the Purchase of Rented Residential Units Published on 17th May, 2024

Sir Sid Darek - 2024

1. Purpose of the Scheme

This Scheme is to encourage residents of Properties become owners and continue using the property as their ordinary residence. Under this scheme only that property that is owned by the Housing Authority and that property that can be transferred from the Lands Authority to the Housing Authority will be sold. This Scheme is open to properties in the localities of Valletta, Xatt ir-Risq at Senglea, Mtarfa, Pembroke, Tigne' Sliema and Marsaskala Qasam tal-Bujar.

2. Definition

In this Scheme, unless the context otherwise requires:-

"the Act" with reference to Article 10 of this Scheme has the same meaning assigned to it in that clause;

"applicant" means a person who applies for the purchase of a Housing Authority or Lands Authority owned property under this Scheme; and when the application is made by two or more persons jointly, shall include all applicants;

"beneficiary" means anyone who benefits from this Scheme and has the same meaning assigned to it in section 2 of the Principal Act,

"the Authority" means the Housing Authority established by section 3 of the Housing Authority Act, 1976 (Cap 261);

"Chairman" means the Chairman of the Housing Authority and includes any person authorized to act on his behalf;

"Government" means the Government of Malta;

"ordinary residence" does not include a summer residence;

"Principal Act" means the Home Ownership (Encouragement) Act XXVIII of 1988;

"market value" means the commercial value of property as worked out by an architect appointed by the Housing Authority and will reflect the location and size of the building.

"kerrej rikonoxxut" tfisser persuna li jkollha appartament/dar/maisonette tal-Awtorità tad-Djar jew Awtorità tal-Artijiet, b'titolu ta' kirja mill-istess Awtorità tad-Djar jew Awtorità tal-Artijiet u rikonoxxuta bħala tali mill-Awtorità tad-Djar/Awtorità tal-Artijiet imma tinkludi l-kerrej konoxxut tal-proprjetà li ġiet trasferita lill-Gvern permezz tal-Ecclesliastical Entities Properties Act, 1992 (Att IV tas-sena 1992);

"konvenju" tfisser ftehim bejn l-Awtorità tad-Djar bħala venditur u l-benefiċjarji bħala kumpraturi għal skop ta' bejgħ/xiri ta' proprjetà.

"kuntratt finali" jfissru l-att notarili li bih l-Awtorità tittrasferixxi lill-benefiċjarju l-fond taħt din l-Iskema;

Sakemm il-kuntest ma jurix mod ieħor il-maskil jinkludi l-femminil u l-femminil jinkludi l-maskil, u s-singular jinkludi l-plural u l-plural jinkludi s-singular.

3. Applikazzjonijiet għax-Xiri

Persuna tikkwalifika biex tapplika mal-Awtorità biex tixtri appartament/dar/maisonette tal-Awtorità tad-Djar/Artijiet taħt din l-iskema jekk fid-data tal-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:-

(a) l-applikant, jew mart jew zewġt l-applikant fil-każ ta' koppja mizzewġa, iridu jkunu ċittadini Maltin jew ċittadini tal-Unjoni Ewropea. Ċittadini mill-Unjoni Ewropea jridu jkunu qed jakkwistaw l-ewwel residenza f'Malta u jridu ukoll jissodisfaw il-kriterji legali kollha li jistgħu jkunu rikjesti skont il-liġi, minn xi Awtorità jew mill-uffiċċju tal-Prim Ministru. Fil-każ ta' mizzewġin mhux separati/divorzjati, bizzejjed li parti waħda tkun Maltija jew ċittadina tal-Unjoni Ewropea;

(b) applikanti li joqogħdu ġewwa djar tal-anzjani jistgħu japplikaw sabiex jixtru r-residenza tagħhom taħt din l-Iskema la darba biss wliedhom jkunu għadhom jgħixu fil-fond mikri.

(c) f'każ ta' koppja miżżewġa li mhix separata legalment jew divorzjata, l-applikazzjoni għax-xiri taħt din l-iskema għandha ssir miz-zewġ persuni flimkien (in solidum).

4. Koppja Mizzewġa Legalment Separata/Divorzjata

Applikant li jkun legalment mifrud mill-mara/mir-raġel għandu jipprezenta kopja tad-deċizjoni finali tal-Qorti kompetenti li tippronunzja l-firda, jew kopja tal-att pubbliku li jagħti effett lill-firda bil-kunsens taż-żewġ miżżewġin bl-awtorità tal-Qorti kompetenti.

"recognized tenant" means a person holding a Housing Authority/Lands Authority apartment/terraced house/maisonette under a title of lease from the Housing Authority/Lands Authority includes a tenant of property which has been transferred to the Government by virtue of the Ecclesiastical Entities (Properties) Act, 1992 (Act IV of 1992).

"preliminary agreement" means an agreement entered into between the Housing Authority as the vendor and the beneficiaries as the purchasers regarding the eventual sale/purchase of property.

"final deed" means the notarial deed by which the Housing Authority transfers to the beneficiaries the ownership of the immovable property by virtue of this Scheme.

In this scheme the singular shall import the plural and the masculine shall import the feminine.

3. Applications for Purchase

A person shall qualify to apply with the Authority to purchase an apartment/terraced house/maisonette owned by Housing Authority/Lands Authority under this Scheme if on the date of application the following conditions are met, namely:

(a) the applicant, or his wife/her husband in the case of married couples must be Maltese Citizens or Citizens of the E.U. Citizens of the E.U. must be acquiring their first residence in Malta and they must also satisfy all the legal requirements which may be required by Law, by any Authority and/or by the Office of the Prime Minister. In the case of married couples but not separated/divorced, it is sufficient that one of the spouses is a Maltese Citizen or a Citizen of the E.U.;

(b) applicants residing in an old people's home can apply to purchase their Housing Authority/Lands Authority residential unit under this Scheme only when and if their children are still residing in the rented property.

(c) In the case of married couples who are not legally separated/divorced, the application for purchase must be made by both spouses jointly.

4. Legally Separated/Divorced Spouses

An applicant who is legally separated/divorced from his spouse shall produce a copy of the final judgment of the competent Court pronouncing separation, or a copy of the public deed effecting separation/divorce by mutual consent of the spouses with the authority of the competent Court.

5. Ħlas Amministrattiv u Abbandun ta' Applikazzjonijiet

(a) Kull applikazzjoni taħt din l-Iskema għandha tiġi prezentata minn wieħed mill-applikanti lill-Awtorità tad-Djar u dik l-applikazzjoni ma tiġix aċċettata kemm-il darba ma titħallasx magħha s-somma ta' erbgħin Ewro (€40) bħala ħlas amministrattiv u ħlas ieħor neċessarju għall-ipproċessar tal-applikazzjoni liema ħlas mhux rifondibbli anke jekk l-applikazzjoni ma tkunx milqugħa u/jew ipproċessata.

(b) Meta xi applikant taħt din l-Iskema jonqos li jidher għall-Konvenju, jew għall-Kuntratt finali skont il-każ, meta jkun imsejjaħ biex jagħmel hekk mill-Awtorità, l-applikazzjoni tiegħu titqies li tkun ġiet abbandunata. L-ammont imħallas ma jiġix rifuz lill-applikanti f'każ li huma ma jersqux għall-Konvenju, jew għall-Kuntratt Finali u dan għal kwalunkwe raġuni.

6. Prezz Tax-Xiri

(a) Il-prezz tax-xiri tal-proprjetà assoluta tal-appartament/dar/maisonette tal-Awtorità tad- Djar/Artijiet għandu jkun il-prezz issussidjat tax-xiri kif stabbilit mill-Awtorità tad- Djar. Fuq il-konvenju u l-kuntratt ser jitniżżel il-prezz fis-suq ħieles li jirrifletti il-valur kurrenti fis-suq tal-proprjetà.

(b) Applikanti ma jibbenefikawx taħt din l-Iskema jekk:-

(i) ibbenefikaw minn xi fond maħruġ mill-Awtorità tad-Djar permezz ta' Avviz Legali, minn xi skema tal-Home Ownership, minn xi skema ta' "Ixtri Darek", maħruġa mill-Awtorità/Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali/Dipartiment tal-Artijiet, mill-Korpi parastatali jew minn xi Awtorità lokali biex jgħinuh isir sid ta' daru;

(ii) kienu akkwistaw art mill-Gvern li kienet ġiet espropriata bis-saħħa tad-dispozizzjonijiet tal-Att tal-1983 dwar Arei għall-Izvilupp tal-Bini (Cap 303) jew post ta' abitazzjoni mill-Awtorità tad-Djar, id-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali, l-Uffiċċju Konġunt, mill-Korpi parastatali jew minn xi Awtorità lokali;

(c) Fl-applikazzjoni l-applikant għandu jiddikjara li f'każ li jkun għamel xi talba jew ser jagħmel xi talba lill-Awtorità tad-Djar għal tiswijiet strutturali fil-fond, bejn id-data tal-publikazzjoni ta' din l-Iskema fil-Gazzetta tal-Gvern, sa meta jiġi iffirmat il-kuntratt finali tal-fond, huwa jaċċetta li jħallas għal tali xogħlijiet. Dan l-ammont jiżdied mal-prezz tax-xiri.

7. Ħlas għax-Xiri tal-Fond

Il-prezz għandu jitħallas kif sejjer jingħad:

5. Administrative Charge and Abandoned Applications

(a) Any application under this Scheme shall be submitted personally by any of the applicants to the Housing Authority and that application shall not be accepted unless accompanied by the sum of forty Euros (€40) as an administrative charge and other charges needed for the procedure of application which charges are not refundable even if the application is not accepted and/or processed.

(b) When an applicant under this Scheme fails to appear on the Preliminary Agreement or the final deed, as the case may be, when requested to do so by the Authority, his/her application shall be deemed to have been abandoned. The amount paid shall not be refunded to the applicant in case he/she fails to appear on the Preliminary Agreement or the final deed without any valid reason.

6. Purchase Price

(a) The purchase price for the absolute ownership of an apartment/terraced house/maisonette, owned by the Housing Authority/Lands Authority shall be price as determined by the Authority. The free market value, which reflects the current value of the property, will be included in the Promise of Sale and Deed.

(b) Applicants do not qualify under this scheme if they:-

(i) have already benefited from any assistance under what used to be known as the "Home Ownership Scheme", or from any other assistance for the encouragement of home ownership by the Department of Social Housing or by the Lands Authority or by the Authority or by any of them jointly;-

(ii) acquired land from the Government which had been expropriated by virtue of the provisions of the Building Development Areas Act, 1983. (Cap 303) or tenements from the Housing Authority, the Department of Social Accommodation, the Joint Office, other parastatal bodies and local Authorities.

(c) In the application form, the applicant will declare that in case he had submitted a request for structural repairs with the Housing Authority, between the first date of the publication of the scheme in Government Gazette, until the date of the signing of the final deed, he will agree that the amount for such works will be added to the purchase price.

7. Payment of Purchase Price

The price shall be paid as follows:

(a) Għaxra fil-mija (10%) tal-prezz għandu jitħallas fuq l-att tal-konvenju. Dan l-ammont ma jiġix rifuż lill-benefiċjarji f'każ illi ma jersqux għall-kuntratt finali mingħajr l-ebda raġuni valida fil-liġi.

(b) Il-bilanċ jitħallas mal-kuntratt finali. Il-kuntratt finali għandu jsir mhux aktar tard minn sena mid-data tal-konvenju.

(c) Fil-każ li wara li jsir l-konvenju jirriżulta lill-Awtorità li l-applikanti ma jkunux konformi mal-kundizzjonijiet kollha ta' din l-Iskema, u b'konsegwenza ta' dawn ma jkunux intitolati għax-xiri ta' proprjetà, l-Awtorità jkollha d-dritt li tqis il-konvenju null ipso jure. F'dan il-każ l-Awtorità jkollha d-dritt li tħallas lura lill-applikanti 90% biss tas-somma mħallsa minnhom fuq il-konvenju. 10% tas-somma imħallsa fuq il-konvenju għandha tinżamm mill-Awtorità bħala ħlas amministrattiv u biex tkopri spejjeż oħra inkluż danni relatati miħabba n-nuqqas tal-applikanti. Il-konvenju jiġi rexiss awtomatikament u b'deċiżjoni unilaterali tal-Awtorità billi l-Awtorità tħallas lura (jekk hemm bżonn anke permezz ta' ċedola ta' depożitu) l-ammont indikat hawn fuq.

8. Kundizzjonijiet tal-Bejgħ

Kull fond mixtri taħt din l-Iskema m'għandux jiġi trasferit taħt xi titolu (ikun xi jkun) mill-benefiċjarju barra minn każ ta' trasmissjoni causa mortis, kemm-il darba ma jħarisx id-dispozizzjonijiet li ġejjin ta' din il-klawsola.

(a) L-fond mixtri taħt din l-iskema għandu jintuża biss u għandu jiġi okkupat biss mix-xerrejja bħala residenza ordinarja tagħhom.

(b) F'każ illi l-benefiċjarju jkun irrid jittrasferxxi taħt kwalsiasi titolu (inkluż b'titolu ta' kera) il-fond mixtri taħt din l-iskema huwa għandu jinforma lill-Awtorità tad-Djar b'dan mill-anqas xahrejn qabel id-data tal-att ta' trasferiment u jħallas lill-Awtorità tad-Djar is-somma ekwivalenti għad-differenza mill-prezz fis-suq ħieles u l-prezz sussidjat imħallas mill-benefiċjarju u dan irrelevanti meta jsir it-trasferiment inter vivos.

(c) F'każ ta' trasmissjoni causa mortis, dment li l-werrieta jibqgħu jgħixu fil-proprjetà bħala residenza ordinarja tagħhom, ma jkun hemm dovut ebda refuzjoni fuq il-prezz. Ir-refuzjoni tkun dovuta biss f'każ li l-proprjetà tinbiegħ jew tinkera mill-werriet ċioe' mis-sidien inter vivos.

(d) F'każ ta' trasmissjoni causa mortis, il-werrieta għandhom jokkupaw il- proprjetà fi żmien sena mid-data li l-proprjetà ingħatat lilhom b'wirt.

(a) Ten percent (10%) of the price shall be paid on the preliminary agreement as deposit on account of the price. This amount shall not be refunded in the eventuality that the beneficiary does not appear on the deed of sale without a valid reason according to Law.

(b) The balance on the said price shall be paid on deed of sale. The final deed shall be published by not later than a year from the date of the Preliminary Agreement.

(c) In the eventuality that after the Preliminary Agreement it results to the Authority that the beneficiary does not conform to all the conditions of this Scheme, and therefore shall not be entitled to the purchase of the property, the Housing Authority will have the right to consider the Preliminary Agreement as being null ipso jure. In this case the Authority will have the right to refund to the beneficiary 90% of the sum paid by him on the said Preliminary Agreement. 10% of the sum paid on the Preliminary Agreement shall be retained by the Housing Authority as administrative charges and other expenses including recurrent damages due to the negligence of the applicant. The Preliminary Agreement will be automatically rescinded by the Authority's unilateral decision and by refunding (if necessary by a schedule of deposits through Court) the amount indicated above.

8. Conditions of Sale

The property purchased under this scheme shall not be transferred under any title, except for transmission by causa mortis, by the beneficiary unless the following dispositions of this clause are observed.

(a) The property purchased under this Scheme shall be used and occupied by the purchasers exclusively as their ordinary residence.

(b) In the event that the beneficiary wishes to transfer the property under any title (including a lease title) beneficiary has to inform the Authority with his intention at least two (2) months before the date of transfer to third parties of the property, and shall be obliged to refund to the Housing Authority the difference between the free market value established in the deed and the price paid on the deed and this irrelevant to when the sale takes place inter vivos.

(c) In case of transmission causa mortis, as long as the heirs continue to live in the property as their ordinary residence, there will be no refunds due to the Authority. The refund is only due when the property is sold or rented by their heirs inter vivos.

(d) In case of transmission causa mortis, the heirs must occupy the property within one year from the date of inheritance of the same property.

(e) L-Awtorità tad-Djar għandha d-dritt imma mhux l-obbligu li tirreġistra favur tagħha Privileġġ Speċjali, Ipoteka Speċjali jew/u Ipoteka Ġenerali skont il-liġi, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet l-oħra skont il-liġi u dana biex jikkawtela it-tħaris tal-obbligi kollha tal-benefiċjarji.

(f) L-ebda parti mill-proprjetà mixtrija ma tista' tintuza għall-użu kummerċjali. Iżda fi kwalunkwe eventwalità li l-proprjetà jkollha użu kummerċjali, l-benefiċjarju jkollu jħallas lill-Awtorità tad-Djar is-somma ekwivalenti għad-differenza mill-prezz fis-suq ħieles u l-prezz imħallas minnu fuq il-kuntratt.

(g) Il-benefiċjarji jobbligaw ruħhom li ma jżommux materjal perikoluż u/jew splussiv la fil-fond, garaxxijiet u lanqas fil-partijiet komuni;

(h) F'każ ta' appartamenti, il-benefiċjarji jkollhom l-obbligu li jsiru membru jew li jifformaw, f'każ li m'hemmx, flimkien ma' akkwirenti oħra fl-istess blokk t'appartamenti, Assoċjazzjoni tal-Kondominju u dan skont Att Numru 29 tas-sena 1997.

Din l-Assoċjazzjoni trid tiġi reġistrata fi żmien xahar minn meta tinħatar mar-Reġistratur tal-Artijiet ai termini tal-Kap 398 tal-Liġijiet ta' Malta; l-Awtorità tad-Djar bl-ebda mod ma għandha tiġi mistennija li twettaq obbligi, li soltu skont il-liġi ghandhom jaqgħu fuq l-Assoċjazzjoni.

(i) Il-benefiċjarji jobbligaw ruħhom wkoll illi ma jżommu l-ebda annimal/i ta' kwalunkwe ġeneru fl-ebda parti tal-binja, inkluż il-bejt, partijiet komuni tal-binja, u saħansitra l-istess fond li qiegħed jiġi mibjugħ lilu mill-Awtorità taħt din l-Iskema; f' każ li dan l-obbligu jkun miksur ikun jispetta lill-Assoċjazzjoni li taġixxi fil-konfront tal-persuna li tkun qed tonqos. L-Awtorità ma għandiex tkun mistennija li taġixxi hi f' dawn il-każijiet. Kull okkupant tal-binja ikollu dritt li jaġixxi kontra okkupanti oħra li jiksru din il-klawsola.

(j) F'każ tal-bjut komuni, dawn jistgħu jintużaw biss għall-inxir tal-ħwejjeġ, u mhux permess isiru parties jew barbecues jew attivitajiet oħra. F'każ li hemm penthouses, aċċess għal bejt ta' fuqhom huwa limitat biss għall-installazzjoni u manutenzjoni ta' tankijiet ta' ilma, aerials tat-televiżjoni u solar water heaters;

(k) Il-bejt u l-partijiet komuni f'każ ta' appartament jibqgħu l-proprjetà assoluta tal-Awtorità li tirriserva d-dritt li tibni sulari oħra u li tagħti dritt ta' użu tal-bejt u l-partijiet komuni lil terzi persuni tal-bejt u tal-partijiet komuni. F'dan il-każ l-Awtorità tipprovdi aċċess għall-installazzjoni ta' tank tal-ilma, aerial tat-televizjoni u solar water heater fuq l-iżvilupp il-ġdid. Il-benefiċjarji ma jistgħux bl-ebda mod joġġezzjonaw għal dan l-iżvilupp;

(e) The Authority is entitled but not bound to register in its favour a Special Privilege and/or Special Hypothec and/or General Hypothec according to law, without prejudice to the rights at law and this to guarantee the observance of all the conditions by the beneficiary.

(f) The property purchased under this scheme or part of it cannot be used commercially. But in the eventuality that the property or part of it is used commercially, the beneficiary will have to pay the Housing Authority the sum equivalent to the difference between free market value and the price paid on the deed of purchase.

(g) The beneficiary shall bind himself not to keep any dangerous substances and/or explosives in the property, garages or in the common parts;

(h) In case of apartments, the beneficiary is obliged to become a member of the Residents' Association and where this does not exist, to form together with the other buyers of the same block of apartments such Association in terms of the law on Condominiums (Act 29 of 1997).

This Association has to be registered within one (1) month from when it is appointed by the Registrar of Land in terms of Cap 398 of the Laws of Malta. Under no circumstances the Housing Authority shall be expected to perform such any obligation which is the responsibility of the Association according to Law;

(i) The beneficiaries bind themselves not to keep any animal/s of any kind, in any part of the building block, including the roof, common parts of the block, not even in the property itself which is being sold to them by the Authority under this Scheme. If this obligation is breached the Association will be expected to act against the persons breaching this condition. The Authority will not be expected to interfere in such cases. Any resident in the Block will have the right to act against other residents who breach this condition.

(j) In the case of a common roof, these can be used only for clothes hanging, and parties and barbecues or any other activities are not permitted. In the case of penthouses, access to the overlying roof is limited to the installation and maintenance of the water tanks, TV aerials and solar water heaters;

(k) The roof and the common parts, in case of apartments, remain the absolute property of the Authority which reserves the right to build other levels and give the right of use of the roof and common parts to third parties. In such a case the Authority shall provide access for the installation of a water tank, TV aerial and solar water heater on the new development. The beneficiary may in no way object to such development;

(l) Il-partijiet komuni fil-każ ta' blokki ta' appartamenti li jinkludu l-bieb prinċipali, l-entratura, il-kurituri li jwasslu għal ġol-appartamenti, it-taraġ kollu sa fuq il-bejt, it-tromba tal-bejt, il-bjut komuni kollha (dawn jista' jinkludu bjut fuq penthouses, ix-xafts u l-bibien tax-xafts, il-partijiet komuni kollha ta' madwar il-Binja, jekk applikabbli, il-bokka tal-lift u l-lift innifsu) ma jkunux inklużi fil-bejgħ.

B'dan illi l-benefiċjarji huma obbligati joħorġu s-sehem tagħhom għaz-zamma tal-partijiet komuni skont il-liġi. Inklużi wkoll bħala partijiet komuni huma partijiet oħrajn li mhumiex imsemmija f'dan il-paragrafu imma li, skont il-liġi, huma meqjusa bħala partijiet komuni. Il-manutenzjoni u riparazzjoni kemm ordinarja kif ukoll straordinarrja tal-partijiet komuni taqa' fuq is-sidien tal-appartamenti li jiffurmaw il-blokka. F' każ li xi okkupanti ikunu inkwilini allura l-obbligu tagħhom jintrefa' jew mis-sid jew mill-istess inkwilin skont il-ftehim bejn tali sid u inkwilin.

(m) Il-bejgħ f' kull każ isir tale quale u il-garanzija għad-difetti latenti hi eskluza.

9. Piena għal Dikjarazzjonijiet Foloz

(a) Jekk f'xi żmien jirrizulta li l-applikanti jkunu għamlu dikjarazzjoni falza jew taw informazzjoni jew dokumenti mhux korretti għall-finijiet ta' xi applikazzjoni magħmula minhom taħt id-dispozizzjonijiet ta' din l-Iskema, mingħajr preġudizzju għal xi piena li huma jkunu setgħu saru suġġett għaliha taħt xi liġi oħra, l-applikanti jkunu obbligati li jħallsu lill-Awtorità tad-Djar piena ekwivalenti għas-somma tad-differenza mill-prezz fis-suq ħieles u l-prezz imħallas fuq il-kuntratt flimkien mas-somma addizzjonali ta' 25% tal-ammont imsemmi hawn fuq. Din il-penali ma tistax tiġi imnaqqsa minn ebda Qorti.

(b) Kull persuna li tagħmel dikjarazzjoni falza jew tagħti informazzjoni jew dokumenti mhux korretti tiġi, flimkien ma' xi persuna li flimkien magħha saret l-applikazzjoni kif provdut fis-sub-klawsola (a) ta' din il-klawsola tiġi wkoll skwalifikata għall-perijodu ta' għaxar (10) snin milli tibbenefika minn xi skema magħmula bl-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għad-djar. Jekk applikabbli jsir rapport ukoll lill-Pulizija.

10. Ħelsien mit-Taxxa fuq Dokumenti (Att XVII tal-1993)

It-trasferiment tal-fond lill-applikanti taħt din l-iskema jkun ezentat mit-taxxa pagabbli taħt Titolu II Taqsima III tal-Att dwar it-taxxa fuq dokument u trasferiment (Att XVII tal-1993) fejn jirrigwarda l-ammont imnaqqas skont l-iskema mill-prezz kummerċjali tal-proprjetà trasferita.

(l) The common parts within the block of apartments include the main door, the entrance, the corridor which leads to the apartments, the staircase up to the roof, the roof shaft, all the common roofs (these can include the roofs on the penthouses, the shafts and the doors to the shafts, the common parts surrounding the block, if applicable, the lift shaft and the lift itself) are not included in the sale.

Notwithstanding the above, the beneficiary will be obliged to fork out his share for the upkeep of the common parts according to Law. Included in the common parts are those parts which are not included in the paragraph but which according to the Law are considered as part of the common area. The ordinary and extra ordinary maintenance and repairs of the common parts will be the responsibility of the owners of the apartments forming part of the block. In case of tenants residing in the block, the obligations will be the responsibility of the owner or the tenants' according to the agreement between same owner and tenant.

(m) The property is to be transferred as tale quale and with the exclusion of the guarantee against latent defects.

9. Penalty for False Declaration

(a) If at any time it results that an applicant has made a false declaration or given incorrect information or incorrect documents for the purposes of any application made by him under the provisions of this Scheme, without prejudice to any punishment for which he may have become liable under any other law, the said applicant and where his application was made jointly with another person, both applicants jointly and severally, shall be liable to the payment to the Housing Authority of a penalty equivalent to the difference between market value and the price paid on the deed of purchase together with an additional sum of 25% of the amount stated above. The charge cannot be decreased by any Court.

CFT 021-3550/24. Supply of Cefuroxime 250mg injections

CFT 009-3551/24. Supply and installation of electrical power and lighting installations at MCH

CFT 021-3552/24. Supply of Omeprazole 20mg capsules/tablets

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

17th May, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

With reference to CFT 021-3540/24. Supply of 'Dextrose 10% in Sodium Chloride 0.18% x 500mL IV infusion fluid' published in the Government Gazette of Tuesday, 14th May, 2024, the closing date will be extended till Monday, 10th June, 2024.

17th May, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tnejn, 20 ta' Mejju, 2024.

ERU1305U24A – Devices
ERU1305U24B – Devices
ERU1305U24C – Devices
ERU1305U24D – Medicinal
ERU1305U24 – Devices
ERU1305U24 – Medicinal
ERU1405U24A – Devices
ERU1405U24B – Devices
ERU1405U24C – Devices
ERU1405U24 – Devices
ERU1405U24 – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Is-17 ta' Mejju, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Monday, 20th May, 2024.

ERU1305U24A – Devices
ERU1305U24B – Devices
ERU1305U24C – Devices
ERU1305U24D – Medicinal
ERU1305U24 – Devices
ERU1305U24 – Medicinal
ERU1405U24A – Devices
ERU1405U24B – Devices
ERU1405U24C – Devices
ERU1405U24 – Devices
ERU1405U24 – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

17th May, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, 21 ta' Mejju, 2024.

ERU1405U24A – Devices
ERU1405U24B – Devices
ERU1405U24C – Devices
ERU1405U24 – Devices
ERU1405U24 – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Is-17 ta' Mejju, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Tuesday, 21st May, 2024.

ERU1405U24A – Devices
ERU1405U24B – Devices
ERU1405U24C – Devices
ERU1405U24 – Devices
ERU1405U24 – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

17th May, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi:

CFT 009-3477/24. CFT 009-3477/24. Provvista u installazzjoni ta' 'electrical power' u installazzjonijiet ta' dawl fl-MCH,

ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tas-26 ta' April, 2024, ġie mħassar.

Is-17 ta' Mejju, 2024

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Espressjoni ta' Interess għall-kiri ta' binja adattata għal klassijiet bħala annex għall-Iskola Primarja tal-Mellieħa, Kulleġġ Maria Regina

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jgħarraf li qegħdin jintlaqgħu applikazzjonijiet minn persuni interessati u kumpaniji li lesti jipprovdu binja adattata għal klassijiet bħala annex għall-Iskola Primarja tal-Mellieħa, Kulleġġ Maria Regina.

Espressjonijiet ta' Interess jintlaqgħu elettronikament permezz ta' ittra elettronika lil (els.meyr@gov.mt) sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 31 ta' Mejju, 2024.

Partijiet interessati għandhom jitolbu kopja stampata tat-termini ta' referenza ta' din l-espressjoni ta' interess permezz ta' ittra elettronika lil (els.meyr@gov.mt).

Sottomissjonijiet li jidħlu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Is-17 ta' Mejju, 2024

KUNSILL LOKALI SAN LAWRENZ

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz (Għawdex) jgħarraf lill-pubbliku ġenerali illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS sal-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Ġunju, 2024, għal:

Avviż Nru. SLLC/08/2024. Provvisti – provvista u installazzjoni ta' tagħmir astronomiku f'San Lawrenz, Għawdex.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministry for Health and Active Ageing, notifies that:

CFT 009-3477/24. Supply and installation of Electrical Power and Lighting Installations at MCH,

published in the Government Gazette of 26th April, 2024, has been cancelled.

17th May, 2024

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Expression of Interest for the lease of premises to be used as classrooms forming part of an annex to the Mellieħa Primary School, Maria Regina College

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation notifies that applications are being received from interested persons and companies willing to provide services for the lease of premises to be used as classrooms forming part of an annex to the Mellieħa Primary School, Maria Regina College.

Expressions of Interest will be received electronically by email to (els.meyr@gov.mt) until noon on Friday, 31st May, 2024.

Interested parties are to request a soft copy of the terms of reference for this expression of interest by email to (els.meyr@gov.mt).

Late submission will not be considered.

17th May, 2024

SAN LAWRENZ LOCAL COUNCIL

The San Lawrenz (Gozo) Local Council notifies the general public that:

Tenders will be received through ePPS up till 10.00 a.m. on Wednesday, 12th June, 2024, for:

Advt No. SLLC/08/2024. Supplies – tender for the supply and installation of astronomical equipment at San Lawrenz, Gozo.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-kwotazzjoni jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-17 ta' Mejju, 2024

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

17th May, 2024

Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
L-Ewropa tinvesti f'Żoni Rurali

European Agricultural Fund for Rural Development:
Europe investing in Rural Areas

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1102

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-29 ta' April, 2024, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 26 ta' Novembru, 2024, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Livell -1, Biswit l-Arkivju, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

F'ristorant f'livell terran b'sular taħt l-art taħt parti mil-livell terran u mill-front garden bl-isem Cote d'Azur Restaurant fi Triq tal-Buttar, kantuniera ma' Triq Sant'Antnin, Marsaskala, eskluża l-arja u sottostanti appartamenti residenzjali ta' terzi, mibnija fuq plots innumerati mitejn u ħdax (211), mitejn u tnax (212) u mitejn u tlettax (213), formanti parti mill-art magħrufa bħala 'Il-Barumbara' sive 'Il-Magħluq', konfinanti mat-Tramuntana ma' Triq Sant'Antnin, mal-Lvant ma' Triq ġdida bla isem u mal-Punent ma' proprjetà ta' Barumbara Limited jew is-suċċessuri tagħha fit-titolu, jew il-konfini aktar preċiżi, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, kif deskritt fil-kuntratt tal-akkwist tal-għaxra ta' Settembru, elf disa' mija tnejn u disgħin (10.9.1992) fl-atti tan-Nutar Dott. Joseph Tabone u stmat għal miljun u tmien mitt elef ewro (€1,800,000)

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Geomike Limited (C8820).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 17/2020.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 13 ta' Mejju, 2024

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 29th April, 2024, on the application of Bank of Valletta plc (C2833), Tuesday, 26th November, 2024, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Level -1, Nearby the Courts Archives, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property:

Restaurant on groundfloor level, with an underground level with parts under the groundfloor level and the front garden named Cote d'Azur Restaurant in Triq tal-Buttar, corner with Triq Sant'Antnin, Marsaskala, excluding its airspace and underlying third party residential apartments built on plots numbered two hundred and eleven (211), two hundred and twelve (212) and two hundred and thirteen (213), forming parts on the land known as 'Il-Barumbara' sive 'Il-Magħluq', bounded on the north by Triq Sant'Antnin, on the east by a new unnamed road and on the west by property of Barumbara Limited or its successors in title, or other correct boundaries, with all its rights and appurtenances, as better described in the contract of acquisition of tenth September, nineteen ninety two (10.9.1992) in the acts of Notary Dr Joseph Tabone and is valued at one million and eight hundred thousand euro (€1,800,000).

The said tenement is the property of Geomike Limited (C8820).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 17/2020.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 13th May, 2024

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1103

B'digriet tas-16 ta' April, 2024, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazjoni Ċivili (Kap. 12),

B'rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Marzu, 2023, minn Demar Properties Limited (C34534) fl-atti tas-Subbasta numru 36/21 fl-ismijiet Demar Properties Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C34534 vs Francesco Rugieri (KI 197316A) qed titlob:

1. Illi permezz tal-valutazzjoni magħmula mill-Perit Mary Grace Bartolo permezz tar-rapport tagħha preżentat fl-4 ta' April, 2022, iżda maħluf fit-23 ta' Jannar, 2023, ġie indikat illi l-valur tal-fondi li qed jinbiegħu bis-subbasta odjerna huwa ta' miljun u tmien mitt elf ewro (€1,800,000),

2. Illi madanakollu minn tali rapport ma jirrizultax kif ittieħdu inkonsiderazzjoni s-segwenti fatturi u ċjoè:

i. L-ispejjeż li huma meħtieġa sabiex l-istruttura eżistenti tinħatt u sabiex wieħed jiddisponi mill-materjali;

ii. L-ispejjeż li huma meħtieġa għall-iskavar sabiex ikun jista' jinbena fond skont kif approvat bil-permess PA/11105/17;

iii. L-ispejjeż marbuta mal-bini tal-pedamenti tal-binja ladarba din hija binja li trid tinbena fuq it-tafal, fejn m'hemmx blat sod u f'żona li hija predisposta għal movimenti fis-sottoswol;

iv. Il-fatt illi esklużż minn din is-subbasta huma l-appartamenti 9 u 10 li għad irid jiġu żviluppati, liema fondi mhumiex di proprjetà tal-intimat;

v. Ill-fatt l-iżvilupp kif approvat, ma jistax isir ħlief bil-kunsens tas-sid tal-artijiet li se jiffurmaw parti mill-apartamenti 9 u 10 u dan għaliex parti mill-iżvilupp kif approvat għandu jsir f'arja sovrastanti għall-arja li se tkun okkupata mill-appartamenti 9 u 10;

vi. Il-fatt l-iżvilupp kif approvat, ma jistax isir ħlief bil-kunsens tas-sid tal-arja li se jifforma parti garaxx numru 7 u dan għaliex parti mill-izvilupp kif approvat għandu jsir f'arja sovrastanti għall-arja li se tkun okkupata minn dan il-garaxx;

vii. L-ispejjeż marbuta mal-iżvilupp tal-binja kif approvata.

By a decree of the 16th April, 2024, given by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By the application filed in the First Hall of the Civil Court on the 7th March, 2023, by Demar Properties Limited (C34534) in the proceedings of Judicial Sale by auction number 36/21 in the names of Demar Properties Limited with the registration number C34534 vs Francesco Rugieri (ID 197316A) is asking that:

1. That by means of the estimated value done by the Architect Mary Grace Bezzina through her report filed on the 4th April, 2022, but sworn on the 23rd January, 2023, it was indicated that the value of the property that they are asking to sell by auction is of one million and eight hunderd thousand euro (€1,800,000),

2. That however from such a report it does not result as the following factors were taken into consideration, and ie:

i. The expenses that are néeded to demolish the existing structure and to dispose of the waste material;

ii. The expenses that are néeded for the excavation so the property can be constructed again as per permit approved PA/11105/17;

iii. The expenses néeded for the construction of the foundations of the building since this is a building that must be built on clay, where there is no solid rock and in an area that is predisposed to movements in the subsoil;

iv. The fact that excluded from this auction are apartments 9 and 10 which have yet to be developed, which apartments are not owned by the respondent;

v. The fact that the development as approved, cannot be done except by the consent of the owner of the airspace forming part of apartment 9 and 10 and this is because part of the development as approved must be done on the overlying airspace which will be occupied by apartments 9 and 10;

vi. The fact that the development as approved, cannot be done except by the consent of the airspace owner forming part of garage number 7 and this is because part of the development as approved must be done on the overlying airspace that airspace will be occupied by this garage;

vii. The expenses related with the development of the building as approved.

Dan kollu qed jingħad ukoll in vista tal-fatt illi din il-proprjetà kienet inbiegħet għas-somma ta' €800,000 fid-9 ta' Lulju, 2020. Illi ċertament li s-suq ma żviluppax b'tali mod illi fi tliet snin din il-proprjetà ġiet tiswa €1,000,000 iktar.

Għaldaqstant, ai termini tal-Art 308 (4) tal-Kap. is-soċjetà esponenti titlob li din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-korrezzjoni ta' tali valutazzjoni tenut kont tal-iżbalji li qed jissemmew hawnhekk, bi spejjeż tar-reġistratur.

Il-Qorti, rat ir-rikors u ordnat in-notifika lill-partijiet interessati b'ġimgħa għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti Prim'Awla, illum it-Tlieta, 14 ta' Mejju, 2024

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

All this is also coming together since this property was sold for the sum of €800,000 on 9th July, 2020. That certainly the market has not developed in such a way that in three years this the property was worth €1,000,000 more.

Accordingly, in terms of Art 308 (4) of the Cap. the exponent company asking to this Honorable Court to order the correction of such valuation to take account of the errors that are mentioned here, at the expense of the registrar.

The Court, having seen the application, orders the notification to the interested parties with one week to reply.

Registry of the Civil Court First Hall, this Tuesday, 14th May, 2024

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1104

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-16 ta' April, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 148/2024JVC, li ġie ppreżentat fid-9 ta' Frar, 2024, fl-ismijiet: Frendo Suzanne et vs Fenech Anthony et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu l-ammont illikwidat mill-periti nominandi, kif ukoll danni oħra sofferti mill-istess rikorrenti. Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-smigħ nhar it-28 ta' Mejju, 2024, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimati: Fenech Anthony u Fenech Francesco, Blockrete, Triq il-Mosta, Ħal Lija

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Mejju, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 16th April, 2024, in the records of Sworn Application number 148/2024JVC, which was filed on the 9th February, 2024, in the names: Frendo Suzanne et vs Fenech Anthony et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondents. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondents to pay the amount liquidated by the appointed architects, as well as other damages suffered by the same applicants. With all costs against the respondents who are summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is adjourned for hearing on the 28th May, 2024, at 9.00 a.m.

Notify Respondents: Fenech Anthony and Fenech Francesco, Blockrete, Triq il-Mosta, Ħal Lija

Registry of the Superior Courts, today 14th May, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1105

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-7 ta' Marzu, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1362/2023DC, li ġie ppreżentat fit-30 ta' Novembru, 2023, fl-ismijiet: Aquilina Federica vs T.I.T.D. Limited et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 7th March, 2024, in the records of Sworn Application number 1362/2023DC, which was filed on the 30th November, 2023, in the names: Aquilina Federica vs T.I.T.D. Limited et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap.12 for the

konfront tal-intimati. Ir-rikorrent talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lir-rikorrent dawk id-danni hekk likwidati. Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimati nġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-smigħ nhar is-6 ta' Ġunju, 2024, fid-9.15 a.m.

Notifika Intimati: Zerafa Kurt u Zerafa Esmeralda, Lorret de Mar, Triq il-Gross, Marsaskala

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Mejju, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

purpose of service of the respondents. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondents or either of whom to pay the applicants these liquidated damages. With costs and legal interest against the respondents who are summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is adjourned for hearing on the 6th June, 2024, at 9.15 a.m.

Notify Respondents: Zerafa Kurt and Zerafa Esmeralda, Lorret de Mar, Triq il-Gross, Marsaskala

Registry of the Superior Courts, today 14th May, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1106

Billi b'digriet tat-12 ta' Mejju, 2024, mogħti fuq rikors ta' Maria Spiteri et, ippreżentat fit-3 ta' Mejju, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 102/2021 fejn fih ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-inventarju tal-assi tal-mejjet Joseph Spiteri (KI 303259M), ir-raġel ta' Maria Genesia sive Marnese née Camilleri, ġja bin il-mejtin Francis Spiteri u Carmela Spiteri née Zammit, imwieled Tal-Pietà, Malta, u miet fir-Rabat, Għawdex, fl-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), ta' 62 sena.

Din il-pubblikazzjoni se ssir nhar it-Tlieta 28 ta' Mejju, 2024, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) f'Ta' Mliet Court, Triq Ġorġ Borg Olivier, Ir-Rabat, Għawdex, taħt il-Ministeru tan-Nutar Dott. Anna Maria Mizzi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja).

Illum 14 ta' Mejju, 2024

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 12th of May, 2024, given on an application of Maria Spiteri et, filed on the 3rd of May, 2024, in the records of application number 102/2021BS wherein it was ordered the publication of the inventory of the estate of the late Joseph Spiteri (ID 303259M), married to Maria Genesia sive Marnese née Camilleri, was son of the late Francis Spiteri and Carmela Spiteri née Zammit, born in Tal-Pietà, Malta, and died in Victoria, Gozo, on the 10th of July, 2021, aged 62 years.

This publication is going to be held on Tuesday the 28th of May, 2024, at eleven in the morning (11.00 a.m.) at Ta' Mliet Court, Triq Ġorġ Borg Olivier, Victoria, Gozo, under the ministry of Notary Dr Anna Maria Mizzi.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section).

Today the 14th day of May, 2024

DANIEL SACCO
For the Registrar Civil Court and Tribunals

1107

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fit-22 ta' Frar, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 526/2015 fl-ismijiet Marija Zammit vs Jane Busuttil u żewgha Nazzareno Busuttil u b'digriet tal-21 ta' Novembru, 2017, Jason Busuttil u Jacqueline Leonard, eredi tad-defunta Giovanna sive Jane Busuttil assumew l-atti tal-kawża u dan wara l-mewt tal-istess konvenuta Giovanna sive Jane Busuttil, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Jason Busuttil, Jacqueline

By means of a decree delivered, by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction, on the 22nd February, 2024, in the records of Application number 526/2015 in the names Marija Zammit vs Jane Busuttil and her husband Nazzareno Busuttil and by decree of the 21st November, 2017, Jason Busuttil and Jacqueline Leonard, heirs of the late Giovanna sive Jane Busuttil assumed the records of the cause and this after the death of the said defendant Giovanna sive Jane Busuttil, whereby the following publication was ordered for

Leonard u Nazzareno Busuttil a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 526/2015 fl-ismijiet imsemmija ppreżentat fl-1 ta' Novembru, 2019, l-appellanta Marija Zammit ħassitha aggravata bis-sentenza mogħtija fil-21 ta' Ottubru, 2019, inkwantu applikat it-'threshold' żbaljat meta rabtet kollox mal-paragrafu (e) tal-Artikolu 688 tal-Kap. 9, ċjoè l-preskrizzjoni għal offiża ħafifa u b'hekk ikkonkludiet illi l-perijodu preskrittiv applikabbli għall-każ ineżami huwa dak ta' sentejn filwaqt li fil-verità l-piena applikabbli bis-saħħa tal-Kodiċi Kriminali hija proprjament dik imsemmija fl-Artikolu 218 u mhux il-piena ta' ftit xhur li semmiet l-ewwel Qorti.

Għaldaqstant, l-esponenti appellanta, filwaqt li tinterponi appell mis-sentenza mogħtija fil-21 ta' Ottubru, 2019, li biha l-ewwel Onorabbli Qorti laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti u ddikjarat l-azzjoni attriċi preskritta u ċaħdet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż, u filwaqt li tagħmel riferenza għall-provi miġjuba fosthom ir-rapport tal-espert mediku, titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' dan l-appell, tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza appellata u tgħaddi biex tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti bbażata fuq il-preskrizzjoni biennali u tgħaddi biex tilqa' t-talbiet attriċi bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti.

Ir-Rikors numru 526/2015 fl-ismijiet Marija Zammit vs Jane Busuttil et jinsab iddifferit għat-30 ta' Mejju, 2024, fid-9.00 a.m.

Notifika: Nazzareno Busuttil (KI 788049M), Scorpio House, Triq l-Iskola, Ħal Safi

Jacqueline Leonard (KI 393576M), Serenity, Triq Tal-Palma, Ħal Safi

Jason Busuttil (ID 483172M), Pres De Carubier, Triq Ġwann Zammit, Ħal Safi

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 14 ta' Mejju, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the purpose of service of Jason Busuttil, Jacqueline Leonard and Nazzareno Busuttil in terms of section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of Appeal Application number 526/2015 in the names mentioned filed on the 1st November, 2019, the appellant Marija Zammit felt aggrieved by the judgment delivered on the 21st October, 2019, since it applied the wrong threshold when it linked everything to paragraph (e) of section 688 of Cap 9, namely the prescriptive period for minor offences and thus concluded that the prescriptive period applicable to the present case is that of two years whereas in reality the penalty applicable by virtue of the Criminal Code is precisely that referred to in section 218 and not the penalty of a few months mentioned by the Court of First Instance.

Therefore, the exponent appellant, whilst appealing against the judgment delivered on the 21st October, 2019, in virtue of which the Honourable First Court upheld the third plea raised by the defendants and declared the plaintiff's action as prescribed and dismissed her claims with costs, and whilst refering to the evidence produced, amongst which the report by the medical expert, respectfully requests that this Honourable Court upholds this appeal, revokes, cancels and annuls the judgment appealed and proceeds to reject the third plea raised by the defendants based on the two-year prescriptive period and thus it upholds the plaintiff's claims with all costs against the defendants.

Application number 526/2015 in the names Marija Zammit vs Jane Busuttil et has been deferred for hearing to the 30th May, 2024, at 9.00 a.m.

Notification: Nazzareno Busuttil (ID 788049M), Scorpio House, Triq l-Iskola, Ħal Safi

Jacqueline Leonard (ID 393576M), Serenity, Triq Tal-Palma, Ħal Safi

Jason Busuttil (ID 483172M), Pres De Carubier, Triq Ġwann Zammit, Ħal Safi

Registry of the Courts of Appeal (Superior Jurisdiction), this day 14th May, 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1108

B'digriet tal-10 ta' April, 2024, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Vodafone Malta Limited (C10865) fil-11 ta' Novembru, 2022, qed jintalab l-iżbank

By a decree of the 10th of April, 2024, given by the Courts of Magistrates (Malta), ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Vodafone Malta Limited (C 10865) on the 11th of November, 2022, is asking for the

fl-ammont ta' elf tmienja u sittin ewro u sittax-il ċenteżmu (€1068.16) depożitati b'Ċedola ta' Depożitu numru 2449/2022 fl-ismijiet:

Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C10865) vs Adam Callus (KI 110391M)

Il-Qorti ordnat in-notifika lill-intimat li għandu għaxart (10) ijiem żmien min-notifika għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum it-Tnejn, 13 ta' Mejju, 2024

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

withdrawal of the amount of one thousand, sixty eight euro and sixteen cents (€1068.16) deposited by the Schedule of Deposit number 2449/2022 in the names of:

Vodafone Malta Limited presently Epic Communications Limited (C 10865) vs Adam Callus (ID 110391M)

The Court ordered the notification to the respondent with ten (10) days to file a reply, from it's notification.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today Tuesday, the 13th of May, 2024

GAETANA AQUILINA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

1109

Avviż mir-Reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Billi Matthew Agius (KI 106774M) ippreżenta rikors ġuramentat (number 497/2024JVC) fejn giet mitluba l-korrezzjoni tal-Att tar-Reġistru Pubbliku numru 1067/1974 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppeżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum, 14 ta' Mejju, 2024

CORA CATANIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice, Registry of the Civil Court, First Hall

Whereas Matthew Agius (ID 106774M) filed an application under oath (numru 497/2024JVC) demanding the correction of the Act of Public Registry number 1067/1974 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

Today 14th of May, 2024

CORA CATANIA
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1110

ARB/C030/2024 – ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-24 ta' Frar, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Noel Bartolo, LLD). Kumpilazzjoni Numru 155/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Marshal Mallia)

ARB/C030/2024 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 24th February, 2024, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Noel Bartolo, LLD). Compilation Number 155/2024, in the case:

The Police
(Inspector Marshal Mallia)

Kontra

MARCOGIUSEPPE PASSANINI, online dealer, ta' 22 sena, iben Giovanni Salvatore u Maria Angela Messina, imwieled Sqallija, l-Italja, fl-4 ta' Awwissu, 2001, mingħajr indirizz fiss f'Malta u detentur ta' karta tal-identità Taljana bin-numru CA97153HC.

ORDNAT s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' MARCOGIUSEPPE PASSANINI u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi propjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikoluži, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont stabbilit mill-Ministru b'ordni fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,191 permezz tal-Avviż Legali 31 tal-2024 – Ordni tal-2024 li Jistabbilixxi l-Ammont Massimu Rilaxxjabbli lil Persuni li jkunu Suġġetti għal Ordnijiet ta' Sekwestru jew għal Ordnijiet ta' Qbid u Ffriżar taħt l-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, ta' wieħed u għoxrin elf, disa' mija u ħamsa u erbgħin ewro (€21,945) kull sena, wara li l-imputat jindika b'nota minn fejn se jipperċepixxi dawn il-flejjes, ossija s-sors, il-mod u l-modalitajiet l-oħra tal-ħlas inklużi salarju, paga, pensjoni u/jew benefiċċji tas-sigurtà soċjali. B'dan illi kull entità finanzjarja hija ordnata li b'nota tinforma l-Qorti f'liema kont jew minn liema kont ikunu qed jiġu rċevuti l-istess flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A, fl-Artikolu 5, u fl-Artikolu 23A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 15 ta' Mejju, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Versus

MARCOGIUSEPPE PASSANINI, online dealer, 22 years, son of Giovanni Salvatore and Maria Angela Messina, born in Sicily, Italy, on the 4th August, 2001 without a fixed address in Malta and holder of Italian identity card bearing number CA97153HC.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to MARCOGIUSEPPE PASSANINI and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, and Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount established by the Minister by order in the Government Gazette of Malta No. 21,191 through Legal Notice 31 of 2024 – Establishment of Maximum Amount which may be Released to Persons who are Subject to Attachment Orders or to Seizing and Freezing Orders under the Proceeds of Crime Act Order, 2024, of twenty-one thousand, nine hundred and forty-five euro (€21,945) annually, after the accused indicates with a note from where he is perceiving this money, including the source, method and other modalities of payments including salary, wages, pension and/or social security benefits. Provided that every financial entity is ordered to present a note by which it informs the Court in which account or from which account these moneys are taken.

Any person who acts in contravention of the court order as mentioned in Article 22A, Article 5, and Article 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 15th May, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1111

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-14 ta' Mejju, 2024, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 25 ta' Ġunju, 2024, fl-għaxra u nofs

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 14th May, 2024, on the application of Bank of Valletta plc (C2833), Tuesday, 25th June, 2024, at half past ten in the

ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Dar bin-numru erbgħa u ħamsin (54) qabel numerata bin-numru tnejn u sebgħin (72) fi Triq Santa Marija, Ħaż-Żebbuġ, Malta, inkluż l-arja u s-sottoswol u kif ukoll b'bir komuni mal-proprjetajiet adjaċenti qabel numerati wieħed u sebgħin (71) u tlieta u sebgħin (73) rispettivament, bil-bokka fl-alkova fl-entrata, kif deskritt fl-atti tan-Nutar Dott. John Spiteri datat tletin (30) ta' Lulju, tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997), libera u franka u stmata tmien mija u ħamsin elf ewro (€850,000)

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Gouder Maria Gloria (KI 499159M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 52/2019.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 15 ta' Mejju, 2024

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property.

Tenement numbered fifty four (54) previously numbered seventy two (72) in Triq Santa Marija, Ħaż-Żebbuġ, Malta, including its airspace and the underlying basement, with a well in common with the adjacent properties previously numbered seventy one (71) and seventy three (73) respectively, with the wellhead in the entrance as described in the acts of Notary Doctor John Spiteri dated thirtieth (30) July of the year nineteen hundred and ninety seven (1997), free and unencumbered and valued at eight hundred and fifty thousand euro (€850,000).

The said tenement is the property of Gouder Maria Gloria (ID 499159M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 52/2019.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 15th May, 2024

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1112

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-27 ta' Novembru, 2023, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 583/2023AB, li ġie ppreżentat fit-8 ta' Ġunju, 2023, fl-ismijiet: Camilleri Neil et vs Fenech Marija, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna u tordna lill-intimata sabiex a spejjeż tagħha u fi żmien qasir u perentorju tagħmel ix-xogħlijiet imsemmija. Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimata inġunta għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-1 ta' Lulju, 2024, fid-9.20 a.m.

Notifika Intimati: Fenech Marija, Penthouse, 27C, Lotus, Triq Ganu, Birkirkara

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Mejju, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 27th November, 2023, in the records of Sworn Application number 583/2023AB, which was filed on the 8th June, 2023, in the names: Camilleri Neil et vs Fenech Marija, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondent. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Condemn and order the respondent so that at her expense and within a short and peremptory period she carries out the works mentioned. With all costs against the respondent who is summoned so that a reference to her evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 1st July, 2024, at 9.20 a.m.

Notify Respondents: Fenech Marija, Penthouse, 27C, Lotus, Triq Ganu, Birkirkara

Registry of the Superior Courts, today 13th May, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1113

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-12 ta' Jannar, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 580/2023MS, li ġie ppreżentat fit-8 ta' Ġunju, 2023, fl-ismijiet: Debono Anthony et vs Callus Christian, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq. tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas dawk il-flejjes kollha pendenti mill-intimat. Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax kontra l-intimat inġunt għas-subizzjoni.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 12th January, 2024, in the records of Sworn Application number 580/2023MS, which was filed on the 8th June, 2023, in the names: Debono Anthony et vs Callus Christian, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et seq. of Cap.12 for the purpose of service of the respondent. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondent to pay all the pending debt. With all costs and interest against the respondent who is summoned so that a reference to his evidence be made.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-1 ta' Lulju, 2024, fid-9.30 a.m.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 1st July, 2024, at 9.30 a.m.

Notifika Intimat: Callus Christian, 43, Flat 4, Triq l-Isptar, Il-Belt Valletta

Notify Respondent: Callus Christian, 43, Flat 4, Triq l-Isptar, Valletta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Mejju, 2024

Registry of the Superior Courts, today 13th May, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1114

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fil-15 ta' April, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 669/2014 fl-ismijiet l-Avukat Dott. Malcolm Cassar (KI 0630982M) vs Edrichton Estates Limited (C23156) ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-imsemmi Malcolm Cassar a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree delivered by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction, on the 15th April, 2024, in the records of the application number 669/2014 in the names Advocate Dr Malcolm Cassar (ID 0630982M) vs Edrichton Estates Limited (C23156), the following publication was ordered for the purpose of service of the said Malcolm Cassar in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

Permezz tar-Rikors ta' ritrattazzjoni numru 669/2014 ta' Edrichton Estates Limited ppreżentat fit-13 ta' Frar, 2024, fl-ismijiet premessi li permezz tieghu s-soċjetà Edrichton Estates Limited, hawn ritrattanda, qed titlob it-tħassir u smigħ mill-ġdid tal-kawża deċiża bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell nhar il-15 ta' Novembru, 2023, fl-ismijiet premessi wkoll. Is-soċjetà ritrattanda qiegħda titlob ir-ritrattazzjoni tas-sentenza tal-15 ta' Novembru, 2023, inbazi ta' żball taħt l-Art.811(l) u applikazzjoni ħażina tal-liġi inbażi tal-Art. 811(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

By means of an Application for a New Trial number 669/2014 by Edrichton Estates Limited filed on the 13th February, 2024, in the names premised by means of which the said company Edrichton Estates Limited, here the plaintiff, is asking for the annulment and new trial of the cause decided by the judgment of the Court of Appeal on the 15th November, 2023, in the names premised. The plaintiff is asking for a new trial of the judgment of the 15th November, 2023, on the basis of error under section 811(l) and a wrong application of the law on the basis of section 811(e) of Cap 12 of the Laws of Malta.

Għaldaqstant, is-soċjetà ritrattanda titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell jogħġobha tirrexxindi u tħassar is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fuq imsemmija fl-ismijiet premessi tal-15 ta' Novembru, 2023, u tordna konsegwentement ir-ritrattazzjoni tal-istess kawża skont il-liġi, bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tar-ritrattati għas-subizzjoni.

Therefore, the plaintiff company respectfully requests this Honourable Court of Appeal to rescind and cancel the judgment above mentioned delivered by the Court of Appeal in the names premised dated 15th November, 2023, and consequently order the new trial of the same cause according to law, with costs and with reference to the respondent's oath.

Ir-Rikors numru 669/2014 fl-ismijiet l-Avukat Dott. Malcolm Cassar (KI 0630982M) vs Edrichton Estates Limited (C23156) jinsab iddifferit għall-4 ta' Ġunju, 2024, fid-8.55 a.m.

Notifika: L-Av. Malcolm Cassar, 20 The Yellow House, Triq l-Isturjun, Il-Qawra

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 14 ta' April, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Application number 669/2014 in the names Advocate Dr Malcolm Cassar (ID 0630982M) vs Edrichton Estates Limited (C23156) has been deferred for hearing to the 4th June, 2024, at 8:55 a.m.

Notification: Adv. Malcolm Cassar, 20 The Yellow House, Triq l-Isturjun, Qawra

Registry of the Courts of Appeal (Superior Jurisdiction), this day 14th April, 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1115

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Mejju, 2024, maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fl-atti rikors ġuramentat ai termini tal-artiklu 495A tal-Kodiċi Ċivili, li jġib numru 130/2022(SG) fl-ismijiet 'Lewis Formosa et versus William Formosa et', ippreżentat fir-Reġistru fil-Qorti msemmija fil-25 ta' Novembru, 2022, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt hawn taħt riprodott u dan sabiex iservi ta' notifika fil-konfront tas-segwenti persuni intimati fl-istess rikors:

1. Helen Vella, Flat 4, Waterloo Flats, Triq Damasku, Buġibba;

2. Mariella Falzon, La Rochelle, Triq Inguanez, Ir-Rabat, Malta;

3. Patrick Formosa, Patross, Triq Wignacourt, Birkirkara;

4. Ludovina Bartolo, 27, Triq Fatima, In-Nadur;

5. Formosa Saviour, Hacienda, Triq ĠużèEllul Mercer, Nadur;

6. Maria Assunta Sultana – Liberty, Triq Karmni Grima, L-Għarb;

7. Mario Grech Xerri, 59, Triq San Ġorġ, Ir-Rabat, Għawdex,

u dan ai termini tal-artiklu 187(3) tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, Rikors numru 130/2022 SG (ai termini tal-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili) fl-ismijiet 'Formosa Lewis, et vs William Formosa, Saviour Formosa, Maria Assunta Sultana, Joseph Formosa, Joanne Saliba, Patrick Formosa, Carmen sive Lina Dimech, Mary Assunta Farrugia, Joseph Formosa,

